**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**30 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru 110/2018**

**Kenneth Mamo**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' Kenneth Mamo datat 6 ta' Novembru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

1. *Illi fid- 29 ta' Settembru 2018, ir-rikorrent gie nnotifikat b' ittra datata 25 ta' Settembru 2018 fejn gie mgħarraf illi ma ssodisfax l-kundizzjonijiet ta' reputażżjoni u kondotta tajba għall-fini tar-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11);*

2. *Illi inadempjament, mal-Artikolu 62C(4) huwa għamel rappreżentazzjonijiet bil-miktub fuq r-rifjut tiegħu pero t-talba tiegħu reggħet giet rigettata finalment, din id- darba permeżż ta' ittra datata 20 t'Ottubru 2018;*

3. *Illi konsegwentement ir-rikorrent in linea mad-dispost tal-Artikolu 62C(5) qed jirreferi din l-pendenza quddiem dan it-Tribunal;*

4. *Illi in effet, l-esponent kien allura instab ħati tar-reat tal-pussess ta' droga kannabis taħt Artikolu 8(d), pero ai fini ta' piena ingħata l-aggravanti ta' Artikolu 22(2)(a)(i) cioe, li il pussess ma kellux jitqies għall uzu esklussiv tiegħu;*

5. *Illi l-Awtorita tikkunsidra dan l-fatt bħala li huwa ma jistax jitqies bhala wiehed ta' reputazzjoni u kondotta tajba, fit-termini ta l-Artikolu 62D;*

6. *Illi l-Artikolu preċitat huwa wieħed eżawrienti b'tali mod li irid jiġi interpretat b'mod restrittiv, u dan anka skont l-prinċipju legali ut lex voluit dixit;*

7. *L-Awtorita intimata tilmenta li għalkemm huwa minnu illi l-ligi ma tagħmel l-ebda referenza għar-reati ta' pussess, la tar-reżina tal-kannibis (Artikolu 8(A)) u lanqas tal- kannabis innifisha (Artikolu 8D), allura dawn huma inferiti mil-liġi meta din tindika l-Aritkolu 22 tal-istess kapitolu. Illi, dan ir-ragunament huwa għal kollox monk u skorret;*

8. *Illi, huwa ċar u kristallin li l-Artikolu 22 tal-Kap.101 jirreferi solament għall-proċedura u għall-pieni korrispettivi, u għalhekk din id-disposizzjoni tal-liġi bilfors trid tiġi interpretata bħala waħda anċellerali għad-disposizzjonijiet oħra;*

9. *Illi, hekk per eżempju, l-Artikoli indikati fl-Artikolu 62D, bħal Artikolu 4, 5, 6A, 7, 8(b)(c) et seq kollha jsibu l-korrispettiv tal-piena relatata fl-Artikolu 22;*

10. *Illi, għaldaqstant u għall-grazzja tal-argument, kieku s-sottomissjonijiet tal-Awtorita` inimata kellhom ireġu, il-leġislatur ma kellux għalfejn jiċċita l-Artikoli kollha relatati mad-droga u jiċċita biss Artikolu 22;*

11. *Illi jidher ċar li l-legislatur għaġġel li ma jagħmilx dan għaliex fl-għerf tiegħu qed jindika li mhux kull reat li għandu x'jaqsam mad-droga, kemm taħt il-Kap. 101 kif ukoll taħt l-Liġi Sussidjarja 101.2 ma kellhom jitqiesu gravanti biżżejjed biex jostakolaw u/jew jimpedixxu lill dak li jkun milli jottjeni l-liċenzja / permess mitlub.*

*Għaldaqstant, r-rikiorrenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu:*

1. *Ihassar u jikkanċella d-deċizzjoni meħuda mill-Awtorita intimata, kkomunikata lill-esponent permeżż ta' ittra datata 23 t'Ottubru 2018; u*

2. *Tordna lill-istess Awtorita terġa tikkonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrent u toħroġ il-permess relattiv skont il-ligi. "*

Ra r-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta datata 22 ta' Novembru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-allegazzjonijiet, l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u, konsegwentement, ghandha tigi konfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, huwa recentement applika ma' l-Awtorita' intimata ghat-tag tieghu bhala xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Tali process jesigi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sehh meta ssir tali applikazzjoni, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja*

*65.11 u dan a bazi tal-principju ta' tempus regit actum.*[1] *Illi fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 62D (1) (iii) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma tkunx meqjusa li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba: jekk hija tkun instabet hatja ta' xi reat kif jidher: … fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b)(c), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi." L-operat ta' l-Awtorita' intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-ligi. Ghalhekk, id-decizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*

4. *Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolinejat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jippratikhom irid ikollu kondotta tajba w li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jippratikhom jew, jekk ikun qed diga' jippratikhom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrent. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*

5. *Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent u sema' lil Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi l-esponent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 23 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha gie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghal tag bhala xufier ta' *light passenger transport vehicle* kienet qieghda tigi rifjutata stante li ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tar-Regolament 62D (1) (a) (iii) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11.

Fl-istess decizjoni ssir referenza wkoll ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2004 u tal-5 ta' Marzu 2010.

---

[1] Huwa sew maghruf, dottrinalment u gurisprudenzjalment, illi l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet, sew dawk *ex contractu* jew *ex lege*, "*si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" (**Filomena Borg et v. Antonio Borg et**, Appell Civili, 28 ta' Gunju,1907 riportata f'*Kollez*. Vol.XX-I-68). Ghalhekk, hu principju generali anke fl-ordinament taghna li, ghax *tempus regit actum*, id-dixxiplina ta' fatt hi assoggettata ghan-normattiva taz-zmien li fih dak l-istess fatt isehh. Tali principju jinsab ukoll fis-sentenzi **Ottavio Suda v. Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumatur et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru 2008) u **Leonard Cassar v. L-Awtorita' Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar** (Appell Inferjuri, 8 ta' Mejju, 2013).

Jirrizulta illi permezz tas-sentenza tal-2004 ir-rikorrrent kien instab hati, fost affarijiet ohra, ta' pussess aggravat ta' ecstasy u pussess semplici ta' raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis. Illi r-reat ta' pussess ta' raza tal-cannabis jinsab elenkat f'artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li r-rikorrent ammetta l-imputazzjonijiet u li seta' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-artikiolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu tletin (30) gurnata prignerija u multa ta' mitejn lira maltin (Lm200).

Jirrizulta illi permezz tas-sentenza tal-2010 ir-rikorrent instab hati li kellu fil-pussess tieghu ir-raza tal-cannabis ai termini tal-artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan gie kkundannat multa ta' seba' mitt ewro (€700).

Illi ghalhekk fiz-zewg sentenzi citati hawn fuq ir-rikorrent instab hati tar-reat elenkat f'artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijet ta' Malta u cioe` pussess semplici ta' raza ta' cannabis. Dan it-Tribunal mhux se jidhol fil-kwisjtoni tal-pussess aggravat ta' ecstasy peress li dan ir-reat johrog mill-Kapitolu 31 tal-Ligjiiet ta' Malta (Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha), liema Kapitolu mhux wiehed fost dawk imsemmijin f'Regolament 62D tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11. Jekk dan huwiex *oversight* tal-Legislatur dan it-Tribunal ma jistghax jghid. Li hu cert hu li la l-ligi ma tindikax l-istess Ordinanza bhala ostakolu ghall-ghoti tal-imsemmija tag, allura t-Tribunal irid jinjorah ghall-fini ta' dan l-appell.

Illi ai termini tal-artikolu 130A u 130B tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur):

*"130A. (1) Ebda persuna m'għandha ssuq vettura bil-mutur għall-kiri jekk dik il persuna ma jkollhiex tag ta' xufier maħruġa lilha mill-Awtorità skont dan ir-regolament.*
*(2) L-imsemmija tag tinħareġ biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li:*
*(a) għandu l-liċenza tas-sewqan adatta;*
*(b) għandu reputazzjoni u kondotta tajba;*
*(ċ) jattendi b'mod regolari kors ta' tagħlim approvat mill-Awtorità u jgħaddi mill-eżami fi tmiem l-imsemmi kors.*

*130B. Ir-regolament 62D għandu japplika sabiex jiġi determinat jekk persuna li tapplika għal tag ta' xufier għandiex reputazzjoni u kondotta tajba."*

Regolament 62 D (1) (a) (iii) jistipula illi:
"*62D(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) Jekk hija tkun instabet hatja ta' reat kif jidher:*

*(iii) fl-artikoli 4, 5, 6 (a), 7, (8 (b) (c), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi."*

Illi minn ezami tal-artikolu citati tal-Kapitolu 101 tal-Ligijet ta' Malta u cioe artikoli 4, 5, 6 (a), 7, 8 (b) (c), 15, 15A, 16, 18 jirrizulta illi dawn jitrattaw reati li jeskludu l-pussess semplici. Hekk perezempju artikolu 4 jitratta dwar ir-reat ta' koltivazzjoni tal-pepprin tal-oppju jew il-pjanta tal-koka. Artikolu 5 jitrattra r-reat ta' importazzjoni jew esportazzjoni tal-oppju ppreparat. Artikolu 6 (a) jitratta r-reat ta' min jimmanifattura, ibigh jew jittraffika l-oppju ppreparat. Artikolu 8 (b) jitratta r-reat ta' manifattura, bejgh

jew traffikar tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, filwaqt li artikolu 8 (c) jitratta dwar ir-reat ta' koltivazzjoni tal-pjanta cannabis. Artikolu 15 jitratta dwar ir-reat ta' meta persuna ggib Malta medicina perikoluza li tkun fil-kors ta' vjagg filwaqt li artikolu 15A jitratta r-reat ta' importazzjoni jew esportazzjoni ta' medicina perikoluza. Artikolu 16 jitratta r-reat dwar min igorr medicina perikoluza minghajr licenzja filwaqt li artikolu 18 jitratta r-reat ta' persuna li ggieghel li medicina perikoluza miġjuba f'Malta fil-kors tal-vjaġġ tiġi diretta għal destinazzjoni oħra minn dik li għaliha kienet oriġinarjament mibgħuta.

Illi Regolament 62 D (1) (a) (iii) isemmi wkoll artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu, fost affarijiet ohra, jistipula illi minn jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet tal-istess Ordinanza ikun hati ta' reat taht l-istess Ordinanza.

Illi ghalhekk il-pern ta' dan l-appell huwa jekk ic-citat artikolu 22 allura ghandux jittiehed bhala ostakolu generali ghal kull min ikun wettaq reat kontra l-imsemmija Ordinanza biex jottjeni t-tag ta' xufier.

Ir-rikorrent isostni li r-reat li jostakolaw persuna milli tottjeni t-tag huma dawk elenkati f'Regolament 62D (1) (a) (iii) pero` artikolu 22 tal-Ordinanza irid jigi interpretat f'sens restrittiv u fid-dawl tal-artikoli l-ohra citati fl-istess sub-regolament. Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimata ssostni illi ladarba artikolu 22 (1) tal-Ordinanza jistipula illi kull min jikser jew jonqos li jhares id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza jkun hati ta' reat kontra l-istess Ordinanza allura l-Awtorita` intimata kellha kull dritt li tirrifjuta li tohrog it-tag in kwistjoni.

Illi t-Tribunal haseb fit-tul kif ghandu jigi interpretat is-subinciz (iii) tar-Regolament 62D (1) (a). Illi jidher car illi l-ispirtu tal-Legislatur kien illi **jeskludi mill-applikazzjoni tar-Regolament citat ir-reat ta' pussess ta' kannabis u medicini ohra perikoluzi**. Dan huwa evidenti fil-fatt li kien selettiv meta nizzel l-artikoli li abbazi taghhom seta' jinhareg ir-rifjut. Kieku ma kinitx din l-intenzjoni tal-Legislatur ma kienx ikun hemm ghalfejn jiccita l-artikoli individwali tal-Kapitolu 101 u kien jiccita biss l-artikolu 22 ghaliex dan prattikament jaghmel reat kull ksur jew nuqqas ta' tharis id-disposizzjoni tal-istess Ordinanza.

Fir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-insenjament tal-awtur **F. Laurent** (Principii di Diritto Civile, Volum 1, pag 307): "*Noi respingiamo dunque ciò che si dice l'interpretazione giudaica, che sacrifice lo spirito della lettera. L'interprete deve essere sempre ricercare lo spirito della legge. In questo senso, so potrebbe dire che ogni interpretazione è logica. Per chiaro che sia il testo, bisogna animarlo, vivificarlo, ricorrendo alla storia, alla discussione, ai lavori preparatori; a più forte ragione, ciò è necessario quando la legge e oscura*." L-istess linja ta' hsieb hija addottata mill-awtur **Alberto Trabucchi** (*Istituzione di Diritto Civile, Trentesima Terza Edizione*, Cedam, pag 37-38) meta jsostni illi "*l'interpretazione letterale ci offre la base oggettiva; ma non basta, ed è neccessaria l'interpretazione logica che ci darà la voluntas legis, l'elemento vitale che ha carattere decisive.*" Dawn iz-zewg siltiet jinsabu riportati fil-kawza fl-ismijiet "***George Agius et vs Charles V. Schembri noe***", **Appell**, **24 ta' Lulju 2005**, liema Qorti elokwentement irriteniet illi 'Huwa d-dover tal-gudikant li "*japplika dispozizzjoni u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta* (sentenza riportata fil-**Volum XXXII.i.309**).

Illi ghalhekk huwa car illi l-pussess semplici tal-cannabis jew tar-raza tal-cannabis mhuwiex wiehed mir-reati li l-legislatur ried jinkludi f'Regolament 62D (1) (a) (iii) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 ai termini ta' liema l-Awtorita` intimata tista' tichad li tohrog tag ai termini tar-Regolament 130A tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ghandu ragun fl-appell tieghu u kwindi se jkun qieghed jirrevoka d-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 25 ta' Ottubru 2018 u esebita bhala Dokument A mar-rikors promutur u konsegwentement jirrevokaha ghall-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**